18 ta' April, 1955

Imħallef :—
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Carmela Cascun *versus* Salvatore Cascun

**Alimenti — Mara — Konvivenza tal-Konjuġi — Art. 4 (2) tal-Kodiċi Ċivili.**

*L-obligu tal-ħajja komuni huwa wieħed mill-obligi l-aktar qawwija li ż-żwieġ jimponi lill-konjuġi; u r-raġel għandu d-dritt li jistabbilixxi d-domiċilju konjugali, u l-mara għandha l-obligu li tmur miegħu.*

*Għalhekk ir-raġel għandu, apparti d-dritt li jinfired minn martu, id-dritt li jirrifjutalha l-alimenti, sakemm hija tippersisti li ma tmurx miegħu.*

*Dan l-obligu tal-mara jispiċċa, fost każijiet oħra, jekk ir-raġel jonqos gravement mid-dmirijiet tiegħu lejha; u jekk il-mara ma tippruvax li għandha kawża ġusta biex ma tmurx tgħammar ma' żewġha, hija ma għandhiex dritt teżiġi l-alimenti minn għandu barra mid-domiċilju konjugali.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, peress illi hija, bħala mart il-konvenut, tinsab fil-bżonn, u l-istess konvenut inġustament abbanduna d-dar konjugali mingħajr ma qiegħed jagħtiha l-alimenti neċessarji, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talbet li l-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat li jagħti lill-attriċi, martu , pensjoni alimentarja fil-kwantità, fil-ħin u fil-lok, li jiġu stabbiliti minn din il-Qorti skond il-mezzi talkonvenut. Bl-ispejjeż. Harrket lill-konvenut biex jidher għassubizzjoni;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi skond l-art. 4(2) tal-Kodiċi Ċivili, il-mara "għandha tgħammar ma' żewġha u tmur miegħu kull fejn jidhirlu sewwa li jagħmel daru". Dan l-obligu tal-ħajja in komune huwa wieħed mill-aktar qawwijin li ż-żwieġ jimponi lillkonjuġi; u peress li d-direzzjoni tal-familja hija f'idejn irraġel bħala kap tagħha, huwa biss għandu d-dritt li jistabbilixxi d-domiċilju konjugali, u l-mara għandha l-obligu li tmur miegħu. Il-liġi ma tindikax espressament is-sanzjoni ta' dan l-obligu, għalkemm tagħmel applikazzjoni ta' dan il-prinċipju fl-art. 6 (Kod. ċit.). Iżda d-dottrina u l-ġurisprudenza jaqblu li r-raġel għandu, apparti d-dritt li jinfired minn martu, iddritt li jirrifjuta lill-martu l-alimenti sakemm hija tippersisti li ma tmurx miegħu; u dan fuq il-konsiderazzjoni fondamentali li l-mara għandha tirċievi l-alimenti tagħha fid-domiċilju konjugali (Laurent, Diritto Civile, Vol. III, 390; u Demolombe, Diritto Civile, Vol. IV, §94);

Illi dana l-obligu fil-mara jispiċċa, fost kawżi oħra, jekk ir-raġel jonqos gravement mid-dmirijiet tiegħu lejha; għaliex, kif jinnota Baudry, "se essa è tenuta ad abitare con lui, egli correlativamente è obbligato a riceverla al domicilio coniugale in modo degno di lei" (Persone, Vol. III, §2165). Il-prova ta' din l-inadempjenza da parti tar-raġel tinkombi lill-mara; u f'din il-materja, kif josserva Borsari, "non bisogna essere

proclivi alle concessioni; il dovere di coabitazione è rigoroso, e la moglie non può esserne dispensata senza i più gravi motivi'' (Codice Civile Italiano Commentato, art. 130—133, §333, paġ. 486);

Illi, premessi dawn il-konsiderazzjonijiet, hemm bżonn li jiġu eżaminati l-fatti li għalihom saret din il-kawża. Mhux kontestat li l-attriċi kienet għamlet lili-żewġha kawża għas-separazzjoni personali, li ġiet definita minn din il-Qorti fid-9 ta' April 1951, fis-sens li l-attriċi tilfitha bl-ispejjeż kollha. Wara, il-partijiet reġgħu marru flimkien għal xi ħmistax il-ġurnata jew xahar, imbgħad reġgħu nfirdu u l-konvenut mar joqgħod għar-rasu. L-attriċi tippretendi li dik ir-rijunjoni spiċċat ħtija ta' żewġha; iżda, fil-fehma tal-Qorti, hija ma ġiebetx provi suffiċjenti biex jintitolawha toqgħod mifruda minnu.........;

Illi l-attriċi ppruvat tikkwistjona wkoll dwar il-konvenjenza tad-dar konjugali; iżda, apparti li l-attriċi, kif kien imissha, ma ġiebet ebda prova li l-post ma kienx konvenjenti, il-Qorti ma tistax taċċetta l-pretensjoni ta' l-attriċi, meta l-atteġġjament tagħha, riżultanti mill-atti tal-kawża, kien għal kollox inkonsistenti;

Illi konsegwentement, ladarba l-attriċi ma ppruvatx li għandha kawża ġusta biex ma tmurx tgħammar ma' żewġha, anzi fl-aħħar stadji tal-kawża wriet li sejra tmur miegħu, hija ma għandhiex dritt li teżiġi minn żewġha l-alimenti barra mid-domiċilju konjugali;

Għal dawn ir-raġunijiet;
Tiċħad it-talba ta' l-attriċi; bl-ispejjeż kontra tagħha.